# ADDIO, MANWEL!...

*Ta'* NIKOL BIANCARDI

*Lil Manwel Bugeja, attur magħruf, nhar is-Serata d'Addio tiegħu fit-Teatru Manoel, qabel tluqu għall-Awstralja.*

Konna għadna tfal, Manwel, meta int u jiena
ħabbejna l-Arti ta' Novelli u sħabu.
Kien dat-Teatru xhud : hu li rabbiena.
Żminijiet sbieħ, jaħasra !, li l-lum għabu !......

Inti ma tixjieħ qatt ! Fik mijiet sabu
artist padrun tal-ferħ, dwejjaq jew ħniena.
Miegħek il-Musi jibqgħu żgur jilagħbu
għax qalbek qalb żagħżugħa : qatt għajjiena.

U issa sa tħallina...... L-art misjuba
minn Captain Cook qiegħda tistenna lilek.
Addio, Manwel, minn dina l-art maħbuba.

La tinsa qatt iż-żmien li għaddejt magħna
biex aħna ma ninsewx il-ħelu għamilek :
ambaxxatur fidil ta' l-Arti tagħna !......